MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 285/2009

**Age Concern Co. Ltd.**

**Vs**

**Lorna Abela bhala eredi tal-mejta Inez Formosa**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf hames mija disgha u sebghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€1,579.93) rapprezentanti pagament dovut lis-socjetà attrici ghall-permanenza ta' Inez Formosa f'dar ta' l-anzjani imexxija mill-istess socjetà attrici liema pagament il-konvenuta assumiet l-obbligu li thallsu lill-istess socjetà attrici izda ghalkemm baghtet *cheque* ghall-valur imsemmi dan ma ssarrafx; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra il-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u l-Avviz tas-Seduta izda, l-istess konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-terminu lilha prefiss mil-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza u semghet ix-xhieda ta’ Alfred Balzan rapprezentant tas-socjetà attrici illi fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2009 ikkonferma li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa lilha dovut mill-konvenuta u li dan l-ammont ghadu ma thallasx.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf hames mija disgha u sebghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€1,579.93), bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta’ Marzu 2009, id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba, sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------